Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 2958/2002

Avviz numru: 2598/02AE

Alfred Gera and Sons Limited

Vs

Marlon Debattista ezercenti l-kummerc taht l-isem Domal

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2003.

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u hames liri Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm105.86), bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz, ma kkontestatx il-kawza

fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Semgha lill-avukat Dr. Claudine Zarb in rapprezentanza tas-socjeta attrici tikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mija u hames liri Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm105.86), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------